# M I N U T I

## LAQGĦA STRAORDINARJA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 55

12 t'Ottubru 2022

Il-ħamsa u ħamsin (55) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Erbgħa 12 t'Ottubru 2022 fis-2.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

55.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

55.1.1. Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

55.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

55.2.1. Is-Sindku VB ressaq il-minuti tal-erba' u ħamsin (54) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

55.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-JAE u issekondata mill-Kunsillier AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (JAE, AD, VB, JP, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

55.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 54.2.4 u staqsa jekk kienx hemm risposta fuq il-ħaddiema li l-Kunsill kien qed jistenna biex jagħmlu x-xogħol fi Triq Vilhena. Is-SE qal li kien tkellem mad-District Manager li nformah li l-materjal wasal però hemm l-excavator bil-ħsara, imma ser jipprovaw jaħdmu b'makkinarju ieħor sabiex ix-xogħol isir.

55.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 54.2.6 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq il-laqgħa mal-MTA, dwar l attivitajiet ta' fuq il-Fosos. Il-Kunsill qabel li għandu jistaqsi jekk hux possibbli li l-laqgħa tinżamm dakinhar tal-laqgħa tal-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat.

55.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 54.2.8 u staqsa jekk kienx hemm żviluppi fuq il-ftuħ tal-ispralli. Is-SE nforma li l-kuntrattur kien informah li l-ispralli tnaddfu u nfetħu. Is-SE qal li jidher li kien hemm xi wħud li żamm il-ħmieġ fuqhom xorta matul il-maltemp li kien għamel fl-aħħar jiem, u li kien informat li l-kenniesa kienu marru jikinsu xi spralli fi Triq Sant'Anna l-ġurnata ta' qabel. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni għall-ispralli li hemm fi Triq il-Mall li jridu jitnaddfu.

55.2.6. Il-Kunsillier JAE fakkar fiż-żewġ spralli miżdudin li hemm ħdejn il-Kurja u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li hu kien bagħat lill-kuntrattur u talbu biex meta jkun se jagħmilhom, jinforma lill-Kunsill sabiex ikun hemm rappreżentant tal-Kunsill preżenti. Minkejja dan, il-kuntrattur ma kienx ikkuntattja lill-Kunsill.

55.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 54.2.10.3 u staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-kwistjoni tal-Fosos u dwar il-laqgħa mitluba mal-Ministru Owen Bonnici. Huwa esiġa li din il-laqgħa hija bżonnjuża sabiex il-Kunsill jiddiskuti *way forward* fuq din il-materja. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob laqgħa mal-Ministru.

## 55.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

55.3.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi ressaq korrispondenza mingħand Infrastructure Malta li talbu lill-Kunsill jipproponi toroq li jistgħu jiġu pedonali kif ukoll toroq li hemm bżonn li jitranġaw. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li jipproponi Pjazza Sir Luigi Preziosi, Triq Pietro Floriani, Triq is-Suq, Triq l-imħażen u Triq Vincenzo Bugeja bħala t-toroq li għandhom jitranġaw. Fir-rigward ta' toroq pedonali, il-Kunsill iħoss li m'hemmx toroq li jikkwalifikaw għal din il-kategorija.

55.3.2. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-iStreet Naming Committee li b'riferenza għall-proposta tal-Kunsill li tissemma triq għall-mibki Tony Zarb, issuġġerew li minflok Triq is-Suq, tkun parti minn Triq San Tumas iż-żgħira li tissemma għal dan il-personaġġ. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel mal-proposta tagħhom.

55.3.3. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali li qed jipproponu li l-Kunsill jipproponi monumenti jew oġġetti sinonimi mal-lokalità. Il-Kunsill qabel li għandu jipproponi l-Fosos.

55.3.4. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn talbu lista ta' min hu interessat japplika għal konsultazzjoni tal-istrateġija għall-gvern lokali. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiċċirkola l-email sabiex min hu interessat ikun jista' japplika.

55.3.5. Is-Sindku ressaq korrispondenza rigward in-nominazzjonijiet ta' Premju Żagħżugħ Kristjan 2022. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jinnomina lil Jake Muscat u lil Noah Roberts.

55.3.6. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta fejn talbu lill-Kunsill jekk ikunx interessat jerfa' statwa fil-bini tiegħu. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju u qabel li għandu jiddiskuti magħhom rigward id-dettalji u d-dimensjonijiet tal-istatwa.

55.3.7. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Cultural Heritage fejn talbu informazzjoni dwar ix-xogħol li sar fi Triq Sant'Anna, taħt il-loġoġ. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li x-xogħol li sar ma kienx xieraq u qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni biex ix-xogħol taħt il-loġoġ isir sew u kif xieraq.

## 55.4 RAPPORTI

55.4.1. Ma kien hemm l-ebda rapport.

## 55.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

55.5.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq il-kwistjoni tal-ħamiem. Is-Sindku qal li l-proċess kien diġà beda' jsir permezz ta' għalf ta' ikel speċjali biss jekk in-nies jibqgħu jitimgħu il-ħamiem, il-proċess se jieħu iktar fit-tul.

55.5.2. Il-Kunsillier JAE qal li kien ġie avviċinata minn residenti rigward l-ATM tal-BOV li ħafna drabi mhux qed tkun qed tiffunzjona. Is-Sindku qal li din il-materja kienet ġiet diskussa wkoll fil-Parlament tal-Anzjani. Il-Kunsillier AD qal li għandu jieħu ħsieb ikellem lil xi ħadd involut dwar din il-kwistjoni.

55.5.3. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk jistgħux isiru no entry signs fi Triq San Franġisk minħabba li l-vetturi kienu qed jitilgħu bil-kontra. Il-Kunsill qabel li għandu jiċċekkja x'jista' jsir.

55.5.4. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp dwar is-sleeping policemen fi Triq San Franġisk. Is-SE wieġeb li dawn kienu ġew ordnati.

55.5.5. Il-Kunsilliera JP talbet jekk hux possibbli li l-Kunsill ikollu l-lista ta' postijiet identifikati mill-ERA għall-installazzjoni ta' CCTV. Is-SE qal li fil-laqgħa preċedenti kien talab lill-kunsilliera jidentifikaw postijiet fejn jaħsbu li hemm bżonn li l-kunsill jinstalla kameras ta' sigurtà, però ma kien sema' mingħand ħadd. Sadattant waslet din il-korrispondenza mill-ERA u s-SE wieġeb abbażi ta' toroq u postijiet li seta' jidentifika u li kienu ssemmew f'diskussjonijiet qabel sabiex inkunu minn tal-ewwel li jkollna ċ-ċans nibbenifikaw mill-offerta tal-ERA. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel fuq dawn il-postijiet: Ħdejn il-bring in sites quddiem SPCA St. Francis Ravelin, Triq San Franġisk kantuniera ma' Triq Pietro Floriani, Triq San Publju ma' Triq San Tumas, Triq il-Fosos ħdejn il-klinika tal-Gvern u Triq il-Mall ma' Triq l-Argotti.

55.5.5.1. Is-Sindku fakkar lis-SE sabiex jiċċekkja dwar x'kameras jistgħu jitwaħħlu. Is-SE wieġeb li l-ewwel irid jiġi indikat fejn se jitwaħħlu l-kameras sabiex il-kuntrattur ikun jista' jara x'tip ta' kameras jistgħu jitwaħħlu. Huwa qal li l-Kunsill għandu l-ewwel jara fejn ser jiġu installati l-kameras mill-ERA qabel ma jipproċedi.

55.5.6. Il-Kunsilliera JP pproponiet li jitwaħħlu tabelli tal-annimali fi Ġnien l-Argotti. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-Ambjent Malta bil-proposta.

55.5.7. Il-Kunsilliera SSH qalet li hemm bżonn issir żabra tas-siġar ta' ħdejn l-isptar Boffa f'Harper Lane u Triq San Franġisk. Hija qalet li kienet tkellmet mal-ERA li nformaw li dawn ma kienux jaqgħu taħthom. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem m'Ambjent Malta sabiex jara jekk jistgħux joffru assistenza f'dan ir-rigward.

55.5.8. Il-Kunsilliera SSH pproponiet li l-bin li hemm quddiem il-bieb tal-iskola jitressaq u jitpoġġa iktar 'il fuq. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

55.5.9. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-iskart tar-riċiklaġġ li kien qed jiġi mormi quddiem l-ispiżerija tal-Gvern u staqsiet jekk kienx hemm tweġiba. Is-SE wieġeb fin-negattiv.

55.5.10. Il-Kunsilliera SSH qalet li hemm bżonn li ssir tindifa sew faċċata tad-Dar tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob l-assistenza tal-Cleansing Department.

55.5.10.1. Il-Kunsillier JAE ppropona li jsiru sinjali ħdejn il-cat cafes biex il-qtates ma jiġux mitmugħa wet food. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsiru dawn is-sinjali.

55.5.11. Il-Kunsilliera SSH qalet li kienet ġiet avviċinata minn waħda mill-cat feeders li staqsiet dwar skema ta' neutering li kienet offruta lill-kunsilli u li ħadd ma kien avviċinaha dwarha. Is-SE qal li ma kienx informat b'din l-iskema u għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jiċċekkja mar-residenta sabiex ikun jista' jidentifika liem dipartiment ħareġ din l-iskema u jekk għadux fiċ-ċans li japplika.

55.5.12. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-Ġnien il-Mall u staqsiet jekk kienx inqala' l-paviment. Is-Sindku wieġeb li kien sar xi xogħol mill-kuntrattur u li l-ħofra kienet ingħalqet temporanjament bil-konkos għall-attività ta' Ġenna ta' Ġonna, sakemm terġa' tinqala' biex jitwaħħal l-arblu.

55.5.12.1. Il-Kunsilliera SSH qalet li l-impressjoni li kienet ingħatat kienet li l-paviment kien diġà qed jibda' jinqala'.

55.5.12.2. Il-Kunsillier JAE qal li t-toqba setgħet ingħalqet b'mod aħjar.

55.5.12.3. Is-Sindku qal li seta' kien hemm pjanar aħjar. Qal ukoll li hemm ħafna ħofor mal-art li ma setax jifhem għalfejn saru u wieħed irid jara kif ser jimtlew.

55.5.12.4. Il-Viċi Sindku AD qal li l-kunsilli lokali ma jistgħux jibqgħu jaħdmu b'dan il-mod fejn l-entitajiet ma jikkoordinawx mal-kunsilli. Huwa qal li tal-anqas is-Sindku għandu jkun informat b'dak li jkun għaddej u hemm bżonn li jkun hemm komunikazzjoni tajba bejn l-entitajiet u l-kunsilli lokali.

55.5.13. Is-Sindku VB qal li kienet ser tinżamm konferenza stampa nhar il-Ġimgħa tal-ftuħ ta' Ġnien il-Mall.

55.5.14. Il-Viċi Sindku AD ppropona li jsiru business cards. Il-Kunsill qabel li jiġu ordnati business cards għall-kunsillieri kollha.

## 55.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati

55.6.1. Is-Sindku VB informa li kien ġie maħtur fuq il-bord tal-intervisti tar-Reġjun għall-għażla ta' Assistent Reġistratur tat-Tribunal. Huwa qal li kienet ġiet magħżula persuna għal dan l-irwol biss wara ftit kienet informat li m'għadhiex interessata.

## 55.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

55.7.1. Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 41/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

55.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Viċi Sindku AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

55.7.2. Is-Sindku ippreżenta l-iskeda tal-petty cash li wkoll ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Viċi Sindku AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet tal-petty cash, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 55.8 MOZZJONIJIET

55.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 55.9 DWAL TAL-MILIED

55.9.1. Is-Sindku VB fetaħ id-diskussjoni billi qal li l-Kunsill kien applika għal fondi taħt l-iskema tal-armar tal-Milied offruta mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

55.9.2. Is-Sindku qal li apparti d-dawl tas-soltu, għandu jsir xi forma ta' fustun fi Triq Sant'Anna minflok id-dawl tas-soltu.

55.9.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal ritratt li sab ta' Triq Sant'Anna, u ppropona li jsir armar ta' dawl simili f'Diċembru u li imbagħad jibqa' hemmhekk anke sabiex tinħoloq atmosfera. Is-Sindku qal li jekk id-dawl jitħalla hemm se jkun hemm spejjeż li jinqalgħu minħabba l-maltemp, eċċetra, u għalhekk jemmen li jkun aħjar li d-dawl jitneħħa u jekk ikun hemm okkażjoni, bħalma hi l-festa tal-lokalità, jerġa' jintrama'.

55.9.4. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' mal-kuntrattur tad-dawl sabiex jiddeċiedi x'ser isir għall-Milied.

## 55.10 PARKEĠĠ ĦAŻIN U MUTUR IPPARKJAT TAĦT IL-LOĠOĠ

55.10.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi semma vetturi li jipparkjaw ħażin inkluż mutur li kien qed jipparkja ħażin taħt il-loġoġ. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-Pulizija sabiex tittieħed azzjoni dwar il-parkeġġ illegali.

## 55.11 **ĦRUĠ TA' SKART**

55.11.1. Is-Sindku nforma li din il-materja kienet ser tiġi diskussa mal-laqgħa li ser tinżamm mal-Pulizija.

## 55.12 **TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

55.12.1. Il-laqgħa intemmet fl-4.20pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 3 ta' Novembru 2022 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum Il-Ħamis 12 ta' Ottubru 2022**

(iffirmati)

Vincent Borg
Sindku

(iffirmati)

Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv